# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-Erbgħa, 23 ta' Marzu 2022**

**Talba numru 19/2022SFJ**

**LEON SPITERI**
**(294196M)**
**VS.**
**JEAN CLAUDE CAUCHI**
**(225994M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat elettronikament fit-18 ta' Jannar 2022 li permezz tiegħu l-attur talab li l-konvenut ikun ikkundannat iħallsu l-ammont ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500) rappreżentanti pagamenti dovuti lill-istess attur;

Ra li l-konvenut ġie nnotifikat iżda r-riferta relattiva ġġib il-kliem "*no date*" (fol. 10 tal-proċess);

Ra li l-konvenut ma ppreżenta ebda Risposta, ma deher għal ebda seduta u ma ppreżenta ebda dokumentazzjoni;

Sema' lix-xhieda, ra d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-23 ta' Marzu 2022.

**<u>Provi ippreżentati</u>**

L-attur ippreżenta affidavit tiegħu stess li permezz tiegħu qal:

- Illi hu kien ilu jaf lill-konvenut żmien twil u li f'Ħal Qormi, hu kellu garaxx u kien ibiegħ xi vetturi f'isem is-sidien taghhom.

- Illi darba fost l-oħrajn, il-konvenut qallu li ried jixtri vettura iżda ma kellux flus biex jixtriha.

- Illi eventwalment, l-attur sab bejjiegħ li kien dispost jaċċetta ħlasijiet bin-nifs.

- Illi kien hemm qbil fuq prezz ta' elfejn u mitt Ewro (€2,100) u saret skrittura privata bejn il-partijiet li kienet tobbliga lill-konvenut iħallas lill-attur mija u ħamsin Ewro (€150.00) fix-xahar fuq medda ta' erbatax-il xahar.

- Illi l-konvenut kien iħallas rarament u darba fost l-oħrajn, talab lill-attur jiffirma ftehim ta' *hire-purchase* sabiex jitneħħa d-dejn minn fuq il-vettura sabiex il-konvenut ikun jista' jeffettwa t-trasferiment ma' vettura oħra (bi tpartit) għall-finijiet tal-Awtorità għat-Trasport.

- Illi l-attur irrifjuta li jagħmel dan.

Xehed ukoll Alex Spiteri, missier l-attur. Dan qal li huwa għen lil ibnu f'xi pagamenti versu sid il-vettura. Huwa spjega li kien mitlub mill-attur sabiex f'ismu jikkuntattja lill-konvenut sabiex ifakkru fil-pagamenti mwiegħda, iżda sab diffikultà jikkuntattjah.

L-attur ippreżenta skrittura verament qasira, datata 11 ta' Ottubru 2019, li ma tidhirx li hija ffirmata, li tgħid li l-konvenut kien qiegħed jixtri vettura mingħand l-attur għall-prezz ta' elfejn u mitt Ewro (€2,100) u kien qiegħed iwiegħed li jagħmel pagamenti mensili ta' mija u ħamsin Ewro (€150.00) li kellhom jibdew mit-30 ta' Jannar 2020 u jibqgħu għaddejjin għal erbatax-il xahar.

Finalment, id-dokument LS4 ippreżentat mill-attur, jindika li fadal bilanċ ta' elf u mitejn u ħmistax-il Ewro (€1,215).

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal josserva li l-fatti tal-każ huma ċari fis-sens li l-konvenut qabbad lill-attur isiblu vettura u l-attur għamel dan. L-attur irnexxielu anki jsib vettura li sidha kien jaċċetta li jitħallas bil-mod. Jidher li ġiet redatta skrittura privata bejn il-partijiet, liema skrittura t-Tribunal jgħid li hija monka f'diversi aspetti, fost oħrajn f'li ma jidhirx li fiha firem u ġġib biss isem il-konvenut. Fi kwalunkwe każ, din l-iskrittura tgħid li l-konvenut kien qiegħed jobbliga ruħu li jħallas mija u ħamsin Ewro fix-xahar lill-attur fuq medda ta' erbatax-il xahar. Kuntrarjament għal dak li qal l-attur fl-affidavit tiegħu, l-iskrittura (dokument LS3) ma ssemmix ħlas ta' interessi.

Inoltre, għalkemm l-Avviż tat-Talba jindika li l-attur qiegħed jitlob l-ammont ta' elf u ħames mitt Ewro mingħand il-konvenut, l-affidavit tal-attur ma jispjegax kif huwa wasal għal dak l-ammont. L-unika ħaġa li ġiet ippruvata b'ċertezza hija li l-konvenut ma kienx iħallas regolarment.

Il-konteġġi tal-attur (dokument LS4) ma jindikawx bilanċ ta' elf u ħames mitt Ewro. It-Tribunal għadd l-ammonti mħallsin mill-konvenut lill-attur (fil-kolonna tax-xellug estrem tad-dokument) u sab li l-konvenut ħallas total ta' tmien mija u ħamsa u tmenin Ewro (€885) lill-attur. Meta dan l-ammont jitnaqqas mill-prezz totali tal-vettura (jiġifieri elfejn u mitt Ewro), jifdal bilanċ ta' elf u mitejn u ħmistax-il Ewro (€1,215).

Min-naħa tiegħu, il-konvenut ma ppreżenta ebda Risposta u ma deher għal ebda seduta. Huwa għalhekk ovvju li l-provi tal-attur ma ġew ikkontestati b'ebda mod.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Wara li ra sewwa l-provi prodotti, fuq bilanċ ta' probabilitajiet u *siccome* dan it-Tribunal huwa obbligat *ex lege* li jiddeċiedi l-kawżi prinċipalment skont l-ekwità, it-Tribunal għalhekk iqis li t-talbiet tal-attur ġew ippruvati sal-grad li titlob il-liġi għalkemm limitatament għall-ammont ta' elf u mitejn u ħmistax-il Ewro.

## **Deċide**

Għaldaqstant, wara li ra d-dokumentazzjoni ppreżentata u wara li qara l-affidavits kollha u ra d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talbiet tal-attur limitatament għas-somma ta' elf u mitejn u ħmistax-il Ewro (€1,215) u jikkundanna lill-konvenut iħallas din is-somma lill-attur.

Billi ma ntalabx imgħax, it-Tribunal mhuwiex qiegħed jordna l-ħlas tal-imgħax.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**